MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 853/2004

**Joseph Vella**

**Vs**

**Donatello Spiteri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm953 (disa’ mija u tlieta u hamsin lira Maltin) rapprezentanti l-prezz ta’ spare parts kif ukoll xoghlijiet ezegwiti mill-attur fuq il-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni IAA 637, fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra nterpellatorja datata 17 ta’ Marzu, 2004 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fl-20 t’Ottubru, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut;

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------